**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 58**

**Data:** 14 ta' Dicembru, 2016

**Hin:** 9.04am

**Post:** Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Shirley Anne Cecchini* | *Kunsillier* |
| *Anthony Camilleri* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

L-Ambaxxatrici V16, Katrina Grima ma setghetx tattendi ghal-laqgha u ghalhekk kienet qed tigi skuzata.

---

## AGENDA

1. Approvazzjoni tal-Minuti tal-57 laqgha.
2. Il-50 Anniversarju mill-mewt ta' Frenc ta' l-Gharb.
3. Attivitajiet tal-Milied.
4. Monument Isqof M. Molina.
5. Attivitajiet fil-Progett taz-Zghazagh.

6. Attivitajiet fil-Progett tan-Network tal-Gemellaggi.
7. Child Care Centre.
8. Skeda ta' Pagamenti.
9. Cirkularijiet tad-Dipartiment Gvern Lokali.
10. Korrispondenza u materji ohra.
11. Aggornament.

---

**1.0 Approvazzjoni tal-Minuti tal-57 laqgha**

1.1 Il-Minuti gew approvati u ffirmati bhala dokument korrett.

1.2 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-kuntratt taht l-iskema tac-CIES li bhala impjegat il-Kunsill ghandu lis-Sur Sandro Cauchi, seta' jigi imgedded ghal sena ohra bl-istess kundizzjonijiet. Il-Kunsill qabel unanimament li dan ghandu jerga' jigedded.

**2.0 Il-50 Anniversarju mill-mewt ta' Frenc ta' l-Gharb**

2.1 Is-Sindku spjega li s-sena d-diehla ser jahbat il-50 anniversarju mill-mewt ta' Frenc ta' l-Gharb. Huwa ssugerixxa li ghal dan l-avveniment tajjeb li jinholoq Kumitat li jkun jista' jhejji ghac-celebrazzjoni ta' dan l-anniversarju. Huwa zied jghid li f'dan il-kumitat importanti li fih ikun hemm membru/i tal-familja u l-Arcipriet. Apparti dan jista' jkun hemm fih persuni li jkunu qalghu xi miraklu bl-intercessjoni ta' Frenc ta' l-Gharb. Shirley-Anne issugerriet li waqt ic-celebrazzjoni jsir filmat dwar Frenc ta' l-Gharb. Is-Sindku min-naha tieghu issugerixxa li jkun hemm il-muzew miftuh. Ghal din l-okkazjoni il-Kunsill qabel li jridu jinghataw ukoll xi tokens. Waqt id-diskussjoni kien deciz sabiex isir dizinn ta' l-ikona tal-Vizitazzjoni li m'ghandix taqbez l-ammont tad-*direct order* li tinzamm il-Kunsill. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel ma' l-ideja dwar dan l-avveniment u qabel ukoll li l-Kunsill ghandu jitkellem ma' membri tal-familja u jkunu involuti f'dan.

**3.0 Attivitajiet tal-Milied**

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

3.1 Il-Kunsill gie infurmat li bhas-snin precedenti, l-Arcipriet kien qed jitlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill sabiex jigi organizzat *party* ghat-tfal tal-lokalita'. L-ideja hija li jsir il-Hadd 18 ta' Dicembru wara l-Musical li ser isir gewwa l-Knisja gewwa c-Centru Parrokkjali. B'kollox jidher li jkun hemm prezenti madwar 150 persuna. Il-Kunsill qabel li ghandu jikkollabora bhas-snin precedenti.

3.2 Attivitajiet ohra li ghandu l-Kunsill hija l-ikla ta' l-istaff u z-zjara ta' membri tal-gemellagg ta' San Polo li ser jaslu gewwa Malta fil-15 ta' Dicembru. Min-naha ta' San Polo ser ikun hawn il-Vici Sindku li talab li joqghod gewwa l-akkomodazzjoni ta' George Sultana f'Ta' Sdieri. Kull Kunsill irid jospita' ikla ghall-gruppi tal-gemellagg kollha li jinkludi fih 40 persuna. Is-Sindku ssugerixxa li l-ikla ssir gewwa l-Gharb Rangers F.C. Is-Sindku stieden lil membri tal-Kunsill sabiex jattendu ghal din l-ikla li tibda' fit-8pm u fil-kaz jinfurmaw lis-Segretarju Ezekuttiv bl-attendenza. Marbut ma' din l-attivita l-Kunsill gie mistieden mill-Kunsill Lokali Ghajnsielem sabiex jibghat rapprezentant gewwa l-Italja sabiex jingabu l-magi bejn it-3 u s-6 ta' Jannar. Is-Sindku wera l-interess u il-Kunsill qabel li ghandu imur is-Sindku.

9.10am Emanuel Muscat dahal ghal-laqgha.

3.3 Is-Sindku aggorna lis-Sur Muscat dwar iz-zjara tal-gemellagg. Gie spjegat il-programm tal-grupp tal-gemellagg fejn fis-16 ta' Dicembru ser ikunu qeghdin tour gewwa Ghawdex b'ikla ta' nofsinhar gewwa ITS u ikla ta' filghaxija gewwa il-Kazin tal-Banda t'Ghajnsielem. Is-Sindku stieden sabiex min mill-membri jkun interessat li jattendi ghandu javza lis-Segretarju Ezekuttiv.

Fil-gurnata tas-17 ta Dicembru ser jitkompla t-tour gewwa Ghawdex fejn f'nofsinhar ser jieqfu ghall-ikel gewwa c-Centru Parrokkjali taz-Zebbug u filghaxija kull Kunsill Ghawdxin ser jiehu hsieb il-grupp tieghu hu. Is-Sindku ssugerixxa li tigi organizzata l-ikla tal-Milied f'din il-gurnata bejn is-7.30pm u 8pm. Anthony Camilleri u Shirley-Anne Cecchini qalu li ghalihom mhux possibli f'din il-gurnata. Is-Sindku ppropona li jigu ikkuntatjati l-Kunsill Lokali Ghajnsielem fejn tintalab sabiex din l-ikla ssir f'gurnata ohra. Emanuel Muscat qal li ghalih il-Gimgha mhux possibli. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li ghandu jithalla kollox skond il-programm u l-ikla ghall-istaff issir fit-22 ta' Jannar. Il-Kunsill qabel ma' dan il-program ta' attivitajiet.

3.4 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-flus li ingabru ghall-Istrina gew ipprezentati fejn b'kollox kien hawn l-ammont ta' €489.75.

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

**4.0 Monument – Isqof M. Molina**

4.1 Gie diskuss il-Monument ta' l-Isqof M. Molina li jirraprezenta Jum il-lokalita' li kien fil-Pjazza Zjara tal-Madonna fejn minfloku twahhal il-Monument ta' l-Isqof G. Cauchi. Is-Sindku issugerixxa l-Monument li kien hawn prezenti jew taht xi forma ohra ghandu jkun installat mill-gdid fil-Pjazza. Huwa ssugerixxa li jehel fil-post fejn fil-prezent hemm il-letterbox pero' trid tkun xi haga mhux goffa hafna sabiex ma jkunx ostaklu ghat-traffiku li hiereg minn Triq Dun Alwig Mizzi. Saret diskussjoni fejn gie innotat li wiehed irid jara jekk fil-post jehilx xi arblu anke minn tal-festa. Is-Sindku ssugerixxa li ghandu jigi avvicinat l-Artist is-Sur Adonai Camilleri Cauchi sabiex jaghti ideja ta' disinn ghal dan il-monument. Min-naha tieghu Emanuel Muscat issugerixxa li ghandha issir offerta pubblika ghal tali disinn. Is-Sindku qal li dan jiddependi kemm jigi jiswa peress li jekk il-prezz ikun wiehed baxx jista' jintuza s-Sur Adonai Camilleri Cauchi peress li l-monument ta' l-Isqof G. Cauchi sar minnu ghalhekk izomm fuq l-istess linja.

9.34am Il-Vici Sindku dahlet ghal-laqgha.

4.2 Is-Sindku aggorna lill-Vici Sindku fuq id-diskussjoni li kienet ghadejja fejn hija ssuggeriet li jsir x'imkien bejn ir-residenza tas-Sur Stephen Cini u tas-Sinjura Luigia Mercieca pero' fl-istess waqt gie innotat li fil-post imsemmi m'hemmx bizzejjed wisa'. Hija ssugeriet ukoll li jehel fuq in-naha l-ohra tal-Pjazza bejn il-bank u l-garage quddiem ir-residenza tas-Sinjura Mary Anne Micallef. Gie innotat li f'dan il-post mhux sewwa ghaliex diga tpogga fil-qrib u parti minn quddiem l-istess residenza l-Monument ta' l-Isqof G. Cauchi. Emanuel Muscat issugerixxa fejn it-*telephone box* pero' f'dan il-post jinsab garage u ghaldaqstant mhux possibli. Is-Sindku qal li fl-istess waqt monument li jirraprezenta Jum l-Gharb m'ghandux jitpogga gewwa l-Pjazzetta z-zghira. Tkompliet id-diskussjoni fejn Emanuel Muscat qal li huwa jaqbel ma' l-ideja li titnehha l-letterbox u jitpogga l-monument minflokha. Is-Sindku ssugerixxa li jsir disinn li possibilment jinkludi fih arlogg sabiex il-pjazza tkun maghrufa bhala l-pjazza ta' l-arloggi meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni li f'din il-pjazza hemm arlogg funzjonanti fil-kampnar tal-Knisja, iehor tax-xemx u iehor simboliku fil-kampnar tal-lemin tal-Knisja. Shirley-Anne Cecchini qalet li tajjeb li jkun fuq in-naha tax-xellug tal-pjazza fejn hu ssuggerit ghax b'hekk jinholoq bilanc fil-pjazza pero' ma jridx ikun tal-bronz biex ma jkunx hemm hafna bronz fil-pjazza. Is-Sindku qabel ma' dan is-suggeriment u qal li lanqas hu ma jaqbel li jkun bronz jew fuq stil barokk. Emanuel Muscat qal li jista' jkun xi haga tat-*travertine* fejn is-Sindku ssugerixxa li jinkludi madwaru xi ftit ta' pjanti. Il-Kunsill qabel li ghandu jigi avvicinat l-artist is-Sur Adonai Camilleri Cauchi fejn jintalab il-prezz u wara dan jigi inkluz fil-budget tas-sena d-diehla u diskuss mill-gdid fl-laqgha ohra.

## 5.0 Attivitajiet fil-Progett taz-Zghazagh

5.1 Gie spjegat li kif diga gew infurmati bih il-Kunsill precedentament il-Kunsill kien gie moghti fondi sabiex isir progett ta' skambji ta'zghazagh li kien jinkludi fih zewg pajjizi li huma l-Italja u l-Portugal. Gie spjegat li l-Portugal m'ghandhox interessati f'dan il-progett. Skond l-Agenzija EUPA li jiehdu hsieb il-progett dawn infurmaw lill-Kunsill li bhala post jista' jinbidel pero' l-Kunsill irid jaghtihom il-program. Is-Sindku ssugerixxa li jigi inkluz fil-program l-Olanda fejn tista' ssir zjara minn zghazagh tal-Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni bejn it-23 u 28 jew 24 u 29 ta' Awissu, 2017. F'dan il-perijodu jkun hemm festival tal-fjuri. Minhabba raguni ta' spejjez jista' jkun li jekk jitla' xi grupp maz-zghazagh, il-grupp ikollu jinzel lura Malta qabilhom peress li skond il-progett dawn iridu jdumu hemm 7 t'ijiem. Min-naha l-ohra ghaz-zjara gewwa l-Gharb tista' ssir stedina ghall-baned sabiex jigu ghal Jum l-Gharb. Emanuel Muscat issugerixxa sabiex minflok f'Jum l-Gharb ssir ghal Seher il-Punent. Is-Sindku spjega li dan parti mill-festival tar-rih pero' ghad irridu naraw ma' tal-progett tal-Windrose pero' irid jigi diskuss maghhom meta ser isir. Wara trid issir zjara f'Gerano ukoll u ghalhekk il-Kunsill irid jiddiskuti maghhom meta jixtieqJu huma li ssir.

## 6.0 Attivitajiet fil-Progett tan-Network tal-Gemellaggi

6.1 Saru diskussi l-iskambji fuq dan il-progett fejn ghall-habta ta' l-Ghid issir zjara jew bejn it-13 u 16 ta' April jew bejn l-14 u 17 ta' April gewwa l-Irlanda. Fil-kaz tal-Polonia u Reppublika Ceka dan kien issugerit f'April jew inkella bejn 19 – 24 ta' Awissu. Din ghadha trid tigi diskussa maghhom u tigi stabilita' d-data.

Is-Sindku ssugerixxa li ghal dan il-progett il-Kunsill ikun jista' jospita' gewwa l-Gharb ghall-okkazjoni tal-Banda li tahbat fit-22 ta' Novembru fejn ta' kull sena ssir celebrazzjoni minn banda differenti u fl-2017 tmiss lill-banda ta' l-Gharb. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.

## 7.0 Child Care Centre

7.1 Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill kien gie avvicinat minn kumpanija li tixtieq topera ic-child care centre. Min-naha taghhom huwa talbu ukoll ghall-ghajnuna finanzjarja permezz ta' fondi mill-Unjoni Ewropeja sabiex jitranga c-Centru u talbu ukoll sabiex jestendu c-centru billi jiehdu ukoll il-garaxx. Is-Sindku qal li huma lesti li jhallsu l-kera u percentagg mill-fondi li jircievu. Bhala ciffri

dawn ser jinhdamu u jigu diskussi fil-laqgha li jmiss. Fil-prezent huwa importanti li l-Kunsill jaqbel fuq il-principu li dan ic-centru jigi mmexxi minn din il-kumpanija anke ghar-raguni li l-Kunsill ghandu rizorsi minimi u mhux possibli li joqghod wara l-management tieghu, jiehu hsieb il-pubblicita' u t-tfal hu ukoll. Emanuel Muscat qal li l-problema huwa li l-Kunsill ser jitlef il-garaxx. Is-Sindku qal li l-Kunsill jista' johrog offerta fejn fiha jigi inkluz li irid isir hlas ghall-kiri ta' garaxx. Emanuel Muscat qal l-isbah li jinxtara pero' ghall-inqas ikun hemm il-possibilita' ta' kera. Saret diskussjoni fejn il-Kunsill qabel ma' dan il-principju u qabel li jerga' jiddiskuti dwar dan f'laqgha ohra.

## 8.0 Skeda ta' Pagamenti

8.1 L-Iskeda tal-Pagamenti giet approvata unanimament mill-Kunsill.

8.2 Emanuel Muscat staqsa ghaliex il-kumpanija GO plc ma kienetx qed tuza' l-pipijiet li hemm taht il-bankini u ghamlu manholes godda. Is-Sindku qal li din hija materja li trid tigi diskussa mall-kumpanija GO plc u jigi identifikat jekk hemmx pipijiet taht il-bankini.

## 9.0 Cirkularijiet tad-Dipartiment Gvern Lokali

9.1 Cirkulari Numru 40/2016 – Kodici ta' Etika.

9.2 Cirkulari Numru 41/2016 – Kuntratti Numru 20/2016.

9.3 Cirkulari Numru 43/2016 – Allokazzjoni finanzjarja ghal 2017.

9.4 Cirkulari Numru 44/2016 – Seminar dwar ix-Xandir Socjali (*Social Media*), l-uzu tal-*Wi-Fi* u Tahrig dwar Opportunitajiet ta' Fondi mill-Programm '*Europe for Citizens*'.

9.5 Cirkulari Numru 45/2016 – Onorarju dovut lill-President u Membri Eletti tal-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali, l-President tar-Regjuni u s-Sindki.

9.6 Cirkulari Numru 46/2016 – Struzzjonijiet ghal matul il-Festi tal-Milied. Il-Kunsill iddiskuta ukoll dwar l-eghluq ta' l-ufficcjini f'lejliet il-Milied u lejliet l-Ewwel tas-Sena u qabel li dawn ghandhom jinzammu maghluqa.

9.7 Cirkulari Numru 48/2016 – Community Workers Scheme fil-KL.

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

9.8 Cirkulari Numru 49/2016 – Inizjattiva ta' Tahrig – Tishih fil-kitba Maltija.

**10.0 Korrispondenza u Materji ohra**

10.1 Minghand il-KIP Ghawdex Ltd fir-rigward ta' proposta sabiex jitpoggew skips b'mod temporanju meta jkunu ser jinghalqu t-toroq. Saret diskussjoni dwar dan fejn il-Kunsill qabel li dawn ghandhom ikunu b'mod temporanju, minghajr spejjez involuti ghall-Kunsill u li jkunu huma li jiehdu hsiebhom.

Emanuel Muscat fakkar dwar il-*camera* tas-sigurta' li ghandha titwahhal fi triq Birbuba fejn kien hemm il-hadida tal-iskart peress li xorta wahda ghadu jitpogga l-iskart f'dan il-post. Huwa zied jghid li qed jintrema skart ukoll fiz-zona ta' bejn l-Gharb u San Lawrenz min-naha ta' Trejqet Maxwell. Is-Sindku qal li huwa kien iddiskuta mas-Sindku ta' San Lawrenz li kien hemm qabel sabiex jinbena hajt tas-sejjieh pero' ma kienx qabel fuqu.

Is-Sindku ssugerixxa li jmur mall-haddiema f'Wied il-Mielah, Dahlet Maxwell u fiz-zona ta' Milied dwar skart li qed jithalla hemm. Is-Sindku ssugerixxa li tintbghat korrispondenza lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn tintalab assistenza biex zoni bhal dawn jinzammu nodfa.

10.2 Minghand il-Malta Enterprise fejn saret talba lill-Kunsill biex issir *zebra crossing* quddiem il-Villagg tas-Snajja ta' Dbiegi. Il-Kunsill qabel li ghandu jaghmel talba lit-Transport Malta dwar dan. Fl-istess waqt giet imsemmija ukoll *zebra crossing* fi Triq l-Gharb pero' hemm problema peress li jekk issir 5 metri minnha jrid jithalla vojt mill-parkegg. Il-Kunsill qabel ghalhekk li ghandu jitlob ghal laqgha fuq il-post ma' l-ufficjali tat-Transport Malta u ssir konsultazzjoni mar-residenti taz-zona.

Il-Vici Sindku semmiet li s-Sur Melino Sultana kellu problema ukoll li ma setghax jipparkja quddiem ir-residenza tieghu peress li hemm il-bus stop u ghalhekk jigi moghti citazzjoni. Minn taghrif li ghandu l-Kunsill jekk ma hemmx *bus stop bay* jistghu jipparkjaw pero' din trid tigi kkonfermata mit-Transport Malta.

10.3 Minghand Mons Joseph Sultana bhala ringrazzjament lill-Kunsill fi tmiem il-parrokat tieghu bhala Arcipriet tal-Parrocca ta' l-Gharb. Is-Sindku informa lill-Kunsill li waqt l-ahhar Quddiesa tieghu li saret is-Sibt 26 ta' Novembru, inghatat tifkira lil Mons Joseph Sultana.

10.4 Minghand Alka Ceramics dwar prodotti li huma joffru.

10.5 Giet trattata s-segwenti korrispondenza minghand il-Planning Authority:

Full Development Permission – PA5922/16 – *To replace existing bus shelter with a new bus shelter which includes also advertisement panels.*

Full Development Permission – PA5923/16 – *To replace existing bus shelter with a new bus shelter which includes also advertisement panels.*

Approvazzjoni tal-Permessi – PA2553/16, PA5922/16, PA5923/16, PA4278/16, PA2064/16

Ordni ta' Skedar ta' Propjeta' – Binjiet tradizzjonali b'elementi arkitettonici specjali – Twiqi *Muxrabiji* tal-gebel jew tal-injam – Nru. 86, Pjazza Zjara tal-Madonna k/, Triq Dun Alwig Mizzi, l-Gharb (Grad 2). Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Planning Authority infurmat lill-Kunsill li sid il-post gie infurmat u ghalhekk il-Kunsill ma kellux ghalfejn jinfurmah min-naha tieghu.

10.6 Minghand l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fir-rigward ta' skemi tal-Awtorita' tal-Ippjanar b'fondi ghall-Kunsilli Lokali.

10.7 Minghand The Physically Handicapped Rehabilitation Fund dwar il-Christmas Stocking Appeal 2016.

10.8 Ktejjeb ta' taghrif minghand id-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali.

10.9 Gie spjegat li l-Kunsill qed ikollu hafna talbiet ghall-gbir ta' skart goff. Kif kien diga hemm qbil precedentament kienet qed tinzamm 50c ghal kull oggett sa massimu ta' €1.50. Il-Kunsill iddiskuta dwar kemm ghandna tkun il-mizata peress li l-wisa' li jintuza' jaghmel differenza. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li ghandha tinzamm 50c ghal kull *cubic meter.*

10.10 Is-Sindku spjega li huwa kellu suggeriment sabiex isir kors tad-disinn tal-melh ikkulurit u huwa kien tkellem ma' Ray Bondin li kien iltaqa' mieghu gewwa Noto. Minn Noto kienu lesti li jigu zewg esperti sabiex jghallmu lil dawk interessati. Min-naha tieghu l-Kunsill irid ihallas l-akkomodazzjoni ghal zewg t'iljieli. Il-Kunsill qabel li dan il-kors ghandu jsir.

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

10.11 Il-Vici Sindku ssuggeriet li jsir kors tal-*line dancing* ghat-tfal. Il-Kunsill qabel li jaghmel avviz.

10.12 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-applikazzjoni tal-life long learning kienet giet accettata u l-Kunsill kien ser jinghata s-somma ta' €1000.00 biex jinxtraw siggijiet u imwejjed ghas-sala.

10.13 Il-membri gew infurmati ukoll li l-Kunsill kien gie maghzul sabiex jinghataw l-fondi ghall-*Urban Cleaning 2017* sabiex jinghataw madwar €30,000. F'dan il-fond il-Kunsill ikun irid jinkludi *green areas* fic-centru tar-rahal u possibilment imhawwla mall-art. Gie spjegat li hemm ammont ta' kemm pjanti jistghu jinxtra u jridu jintuzaw sigar indigeni Maltin. Il-Kunsill min-naha tieghu irid li jgib lista ta' sigar bil-prezzijiet u jidentifikafejn irid li jitpoggew. Fil-passat kien hemm skema fejn inghataw pjanti lin-nies u wara kellhom jiehdu hsiebhom pero' dawn spiccaw fix-xejn. Min-naha ta' l-iskema ma jridux li jinxtraw pjanti stagjonali u hemm ammont minimu ghal pjanti zghar. Il-Kunsill irid jipprezenta proposta tajba anke ta' fejn iridu jitpoggew. Is-Sindku ssugerixxa li jitpoggew pots matul Triq il-Knisja fil-parti fejn hemm il-bankina mahruga l-barra. L-ghan principali huwa li jithawlu pjanti biex jitnaqqas it-tniggis mill-arja. Emanuel Muscat ssugerixxa zzona ta' fejn San Dimitri wara l-knisja. Gie spjegat ukoll li l-*pots* iridu jkunu ta' 1 *cubic meter* peress li l-pjanti jridu dan il-qies. Anthony Camilleri staqsa min ser ikun qed jiehu hsiebhom fejn is-Sindku spjega li dawn jiehdu hsiebhom il-haddiema tal-Kunsill u ta' l-ELC. Is-Sindku informa lill-membri li l-*pot hangers* tal-pjazza tnehhew u bhalissa qeghdin jitrangaw u jissewwew. Huwa kompla jispjega li s-sena d-diehla jridu jitnehhew il-fanali peress li spiccaw u jitpoggew ohrajn godda minflokhom, *pots* godda, *bins* u ohrajn maghhom.

Il-Vici Sindku qalet li hemm bzonn li jinzebghu l-bankijiet madwar il-lokalita'.

Shirley-Anne Cecchini staqsiet ghaliex ser jitpoggew gewwa l-pots u s-Sindku spjega li huwa diga kien qal li ser tkun difficli li f'certu zoni jithawlu fl-art. Huwa kien issugerixxa li jinxtraw bankijiet simili ghall-bollards prezenti li jkunu jinkludu fihom pots fuq il-genb.

Emanuel Muscat staqsa meta ser tinfetah it-Triq il-gdida ta' Triq Tumas Cassar. Is-Sindku spjega li huwa kien kiteb ittra lid-Dipartiment ta' l-Artijiet f'dan ir-rigward. Emanuel Muscat qal li tkun ideja tajba jekk tinfetah din it-triq jithawwlu sigar hemmhekk.

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

Is-Sindku qal li dawn iridu jithawwlu f'zoni fejn hemm hafna wisa'. Huwa zied jghid li snin ilu l-Kunsill kien hareg espressjoni ta' interess li qatt ma kienet giet *awarded* u ghalhekk din tista' tigi studjata.

10.14 Emanuel Muscat semma li hemm problema fi Triq il-Knisja fejn Triq Karmni Grima peress li l-vetturi hergin minn gewwa Triq Karmni Grima mhux qed jieqfu u ghalhekk qed ikun hemm periklu kontinwu ghat-traffiku li ghaddej minn Triq il-Knisja. Il-Kunsill qabel li ghandha tehel Stop Sign f'dan il-post.

10.15 Is-Sindku informa lill-membri li kellu laqgha mall-Ministru ghal Ghawdex fejn gie iffirmat kuntratt sabiex jinghataw flus lill-Kunsill biex isir xoghol fi Sqaq Numru 2 fi Triq Frangisk Portelli u fi Sqaq ta' fejn il-kazin tal-banda. Is-Sindku ssugerixxa li l-Kunsill f'dan l-istadju jista' jillestihom bil-concrete u iktar 'il quddiem isir wicc gdid jew inkella isiru u jitlestew minn kollox mill-ewwel.

10.16 Anthony Camilleri semma li fi Triq San Katald hemm hitan tas-sejjieh li ghandhom bzonn li jitrangaw. Is-Sindku qal li l-haddiem tal-Kunsill is-Sur Raymond Rotin kien fil-prezent qieghed jaghmel bini ta' hitan fi Triq Birbuba u kif jehles ser jintbghat fi Triq San Katald.

Fil-kaz ta' Triq Birbuba, Emanuel Muscat staqsa jekk jistghux jitqeghdu dawn mall-barriers. Il-Kunsill qabel li ghandu jinforma lill-haddiema biex iwahhlu d-dwal.

## 11.0 Aggornament

11.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar il-Erbgha 18 ta' Jannar, 2017 u wara jsir il-locality meeting fil-5pm.

11.2 Il-laqgha spiccat hin 10.58am.

Konfermati minn

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv